

*Foto: Ant. Agius Muscat.*

Komm. IVO MUSCAT-AZZOPARDI, P.L.

# DE PROFUNDIS

Mill-ġewwieni ta' ruħi nsejjaħlek, ja Mulej, leħni isma'.
Widen agħti għal-leħen ta' talbi.
Jekk Int, ja Mulej, tqis il-ħtijiet; Mulej, min ikun jista' jeħlisha?
Fik tgħix tabilħaqq, mogħdrija mimlija bil-maħfra u, għax Int, Hu dak li Hu: lilek għadni nistenna, ja Mulejja.
Tistrieħ ruħi f'kelmtu: ruħi dejjem tittama fil-Mulej.
Mill-għodwa sal-lejl, Israel jista' jittama f'Mulejna.
Għax fi ħdan il-Mulej hemm il-ħniena; u għandu tgħix fidwa bla qies.
U Huwa għad jifdih lil Israel minn kollha kemm huma ħtijietu.

A. AGIUS MUSCAT.

*Salm 129, Ktieb is-Salmi (Vulgata), miġjub bil-Malti minn Anton Agius Muscat, fl-okkażjoni tal-mewt tal-Komm. Ivo Muscat Azzopardi, P.L. Membru Akkademiku mill-anzjoni, kittieb wisq magħruf u raġel ta' qalb tajba maħbub minn kulħadd.*